



AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

Mistoqsijiet u tweġibiet dwar l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar it-tikkettar tal-inbid tal-UE b'segwitu għall-emenda tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2023/1190)

Dan id-dokument jipprovi tweġibiet tekniċi għall-mistoqsijiet li s-servizzi tal-Kummissjoni rċevew, u li ġew diskussi ma' esperti mill-Istati Membri, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar it-tikkettar tal-inbejjes introdotti bir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) ⁽¹⁾ Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ukoll "ir-Regolament emendat dwar l-OKS").

Dan id-dokument huwa maħsub biex jgħin lill-awtoritajiet nazzjonali u lin-negozji fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija kompetenti biex tinterpreta b'awtorità d-dritt tal-Unjoni.

Werrej

Paġna

Mistoqsijiet Ġenerali	1
Lista ta' Ingredjenti	4
Dikjarazzjoni dwar in-Nutrizzjoni	7
Tikkettar Elettroniku	9

Mistoqsijiet Ġenerali

- 1) *X'inhi r-relazzjoni bejn ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ rigward it-tikkettar tal-lista ta' ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni?*

L-Artikolu 118 tar-Regolament dwar l-OKS dwar l-applikabbiltà ta' regoli orizzontali jistipula li r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar l-FIC") japplika għat-tikkettar u l-preżentazzjoni fis-settur tal-inbid, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fir-Regolament dwar l-OKS. Dan ifisser li, fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni settorjali dwar l-inbid, japplikaw ir-regoli ġenerali dwar it-tikkettar u l-preżentazzjoni, kif stabbilit fir-Regolament dwar l-FIC. Bl-istess mod, ir-Regolament dwar l-FIC fih l-istess regola fl-Artikolu 1, li jipprevedi li r-Regolament dwar l-FIC japplika mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tat-tikkettar previsti f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni applikabbli għal ikel partikolari.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262).
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32021R2117>

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32013R1308&qid=1697529611776>

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-ġoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02011R1169-20180101>

Għalhekk, fir-rigward tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-FIC, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet rilevanti fl-Artikoli 30 sa 35 tar-Regolament dwar l-FIC, ħlief għar-regola speċifika ddefinita fir-Regolament emendat dwar l-OKS li tippermetti li d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni fuq il-pakkett jew it-tikketta tiġi limitata għall-valur enerġetiku u l-għoti tad-dikjarazzjoni sħiħa dwar in-nutrizzjoni b'mezzi elettroniċi.

Fir-rigward tal-lista ta' ingredjenti, japplikaw ukoll ir-regoli tal-FIC, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet rilevanti fl-Artikoli 18, 20, 21(1) u 22 u fl-Annessi VI sa VIII, ħlief għar-regoli speċifiċi stabbiliti fir-Regolament emendat dwar l-OKS li jippermettu li tiġi ppreżentata l-lista ta' ingredjenti b'mezzi elettroniċi, u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33⁽⁴⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 40 (preżentazzjoni fuq it-tikketta), l-Artikolu 41 (tikketta ta' sustanzi allerġeniċi), l-Artikolu 48a (indikazzjoni tal-ingredjenti tal-inbid u t-terminu li għandu jintuża) u l-Anness I (termini għal sustanzi allerġeniċi).

2) *Kif għandha tiġi ppreżentata l-informazzjoni obbligatorja l-għida fuq it-tikketta?*

Bħala dettalji obbligatorji stabbiliti fl-Artikolu 119 tar-Regolament emendat dwar l-OKS, id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista ta' ingredjenti jridu jiġu ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 40(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33, jiġifieri, fl-istess kamp viżiv tal-kontenitur bħal dettalji obbligatorji oħra, ikunu jistgħu jinqraw simultanjament mingħajr ma jkollhom għalfejn idawru l-kontenitur, f'karattri li ma jitħassrux u jridu jkunu distinti b'mod ċar mit-test jew mill-grafika tal-madwar.

Meta l-informazzjoni obbligatorja kollha tkun ippreżentata fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta mwaħħla, id-dettalji obbligatorji li għandhom jidher fl-istess kamp viżiv huma, għalhekk, dawn li ġejjin: i) id-denominazzjoni tal-kategorija tal-prodott tad-dwieli (inkluż, jekk rilevanti, it-terminu "dealkoholizzat"/"parzjalment dealkoholizzat") bl-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 119(2) tar-Regolament dwar l-OKS għal ċerti nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta; ii) it-terminu "denominazzjoni ta' oriġini protetta" (DOP) jew "indikazzjoni ġeografika protetta" (IĠP) u l-isem tagħha, għal inbejjed b'DOP/IĠP; iii) il-qawwa alkoħolika proprja skont il-volum; iv) l-indikazzjoni tal-provenjenza; v) l-isem tal-bottiljatur jew, għal ċerti kategoriji ta' prodotti (4, 5, 6, 7), l-isem tal-produttur jew tal-bejjiegħ, kif rilevanti; vi) il-kontenut nett; vii) il-kontenut taz-zokkor fil-każ tal-kategoriji tal-inbid frizzanti (4, 5, 6, 7); viii) id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni; ix) il-lista ta' ingredjenti; x) id-data minima tad-durabbiltà għall-prodotti tad-dwieli li jkunu għaddew minn trattament ta' dealkoholizzazzjoni.

Meta d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u/jew il-lista ta' ingredjenti jiġu pprovduti b'mezzi elettroniċi, il-link (kodiċi QR jew simili) għad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u/jew il-lista ta' ingredjenti trid tiġi ppreżentata fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħad-dettalji obbligatorji l-oħra.

Meta d-dikjarazzjoni sħiħa dwar in-nutrizzjoni tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi, il-valur enerġetiku li għandu jintwera fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta jrid jiġi ppreżentat fl-istess kamp viżiv bħad-dettalji obbligatorji l-oħra.

Meta l-lista sħiħa tal-ingredjenti tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi, is-sustanzi li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi jridu jiġu ppreżentati fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta, iżda mhux neċessarjament fl-istess kamp viżiv bħal informazzjoni obbligatorja oħra (tapplika d-deroga tal-Artikolu 40(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33).

Id-deroga għal ċerti dettalji obbligatorji li għandhom jidher 'l barra mill-istess kamp viżiv stabbilit fl-Artikolu 40(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33 tapplika wkoll għall-indikazzjoni tal-importatur, għan-numru tal-lott, u għad-data tad-durabbiltà minima (fil-każ tal-inbejjed dealkoholizzati).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2). <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32019R0033>

- 3) *Fid-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar it-tikkettar, liema nbejjed u f'liema stadju tal-kummerċjalizzazzjoni jridu juru d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista tal-ingredjenti? Eż., inbid f'tankijiet/kartelli/btieti jew inbid ibbottiljat biss?*

Bħala regola ġenerali, dawn id-dettalji obbligatorji l-ġodda jridu japplikaw għall-inbejjed imqiegħda fis-suq mid-data ta' applikazzjoni rispettiva stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/2117, jiġifieri t-8 ta' Diċembru 2023. Madankollu, l-inbejjed "prodotti" qabel dik id-data jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq skont ir-rekwiżiti tat-tikkettar applikabbli qabel it-8 ta' Diċembru 2023, sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

F'konformità mar-Regolament dwar l-FIC, l-Artikolu 2, "informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel" tfisser id-dettalji li huma meħtieġa li jiġu pprovduti lill-konsumatur finali; dan japplika irrispettivament mill-kontenitur fejn l-ikel jiġi kkummerċjalizzat. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-inbid. Ir-responsabbiltà tal-operaturi fil-katina tal-provvista fir-rigward tat-tikkettar u l-preżentazzjoni, hija ċċarata mill-Artikolu 8 tal-FIC u b'mod partikolari l-paragrafu 7.

- 4) *F'liema każ inbid jista' jitqies bħala prodott?*

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, il-produttjoni tal-inbid tinkludi mhux biss il-fermentazzjoni alkoħolika iżda wkoll potenzjalment l-implimentazzjoni ta' xi prattiki enoloġiċi. L-Artikolu 80 tar-Regolament dwar l-OKS jirreferi għall-prattiki enoloġiċi li għandhom jintużaw "fil-produttjoni u l-konservazzjoni ta' prodotti elenkati fil-Parti II tal-Anness VII", u jispjega aktar li l-prattiki enoloġiċi jintużaw biss biex tiġi żgurata vinifikazzjoni xierqa, preżervazzjoni xierqa, jew irfinar xieraq tal-prodott. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 ^(⁵) jagħmel l-istess rabta mal-produttjoni u l-konservazzjoni fl-Artikolu 1 (kamp ta' applikazzjoni) u fl-Artikolu 3 (prattiki enoloġiċi awtorizzati).

F'dan il-kuntest, prodott tad-dwieli jitqies "prodott" meta jilħaq il-karatteristiċi u r-rekwiżiti kif stabbiliti fl-Anness VII, il-Parti II tar-Regolament dwar l-OKS għall-kategorija tal-inbid ikkonċernata, inkluż permezz tal-implimentazzjoni, fejn rilevanti, ta' prattiki enoloġiċi awtorizzati bbażati fuq ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 80 u fl-Anness VIII ta' dak ir-Regolament.

Bħala eżempju, "Inbid" (il-kategorija 1) tfisser il-prodott miksub esklussivament mill-fermentazzjoni alkoħolika totali jew parzjali ta' għeneb frisk, kemm jekk magħsur kif ukoll jekk le, jew ta' most ta' għeneb. Barra minn hekk, l-inbid irid ikun kiseb il-qawwa alkoħolika u l-kontenut ta' aċidità meħtieġa, kif stabbilit fl-Anness VII, il-Parti II, il-punt (1), tar-Regolament dwar l-OKS.

Fil-każ ta' "nbid frizzanti" (il-kategorija 4), meta jiġi prodott permezz tat-tieni fermentazzjoni alkoħolika, dan jista' jitqies biss bħala "prodott" wara li tkun seħħet it-tieni fermentazzjoni, u l-prodott ikun kiseb il-qawwa alkoħolika u l-kundizzjonijiet tal-pressjoni żejda tiegħu kif stabbiliti fl-Anness VII, il-Parti II, tar-Regolament dwar l-OKS. Is-sempliċi vinifikazzjoni tal-inbejjed bażi jew il-preparazzjoni tal-cuvée qabel it-8 ta' Diċembru 2023 ma jiġġustifikawx eżenzjoni mit-tikkettar nutrizzjonali.

Wara l-produttjoni, skont l-Artikolu 80 tar-Regolament dwar l-OKS, jistgħu jiġu implimentati prattiki enoloġiċi oħra, għall-finijiet li jiġu żgurati preżervazzjoni xierqa jew irfinar xieraq ta' prodott tad-dwieli.

- 5) *Kif jiġu vverifikati r-regoli tat-tikkettar, b'mod partikolari fir-rigward tal-"prodott"?*

L-infurzar tar-regoli dwar it-tikkettar tal-inbid jaqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri.

L-inbejjed domestiċi jew importati kollha mqiegħda fis-suq tal-UE wara t-8 ta' Diċembru 2023 iridu, fil-prinċipju, jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda tat-tikkettar. Madankollu, l-inbid prodott qabel it-8 ta' Diċembru 2023 (għal "prodott" ara l-Mistoqsija 4) jista' jkompli jitqiegħed fis-suq f'konformità mar-rekwiżiti tat-tikkettar applikabbli qabel dik id-data sakemm jispiċċaw il-ħażniet. Fir-rigward tal-inbejjed importati, l-inbejjed importati qabel din id-data jitqiesu bħala prodotti qabel u għalhekk eliġibbli għal din l-eżenzjoni.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda ż-żoni ta' vitikultura li fihom tista' tiżdied il-qawwa alkoħolika, il-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli għall-produttjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tad-dielja, il-persentaġġ minimu tal-alkoħol għall-prodotti sekondarji u r-rimi tagħhom, u l-pubblikazzjoni tal-fajls tal-OIV (ĠU L 149, 7.6.2019, p. 1). <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02019R0934-20220208>

Lista ta' Ingredjenti6) *X'għamla għandu jkollha l-lista ta' ingredjenti?*

Ir-regoli ġenerali tar-Regolament dwar l-FIC japplikaw għall-għamla ta' preżentazzjoni tal-lista ta' ingredjenti, peress li ma hemm l-ebda regola speċifika definita għall-inbid. Dawn ir-regoli huma definiti fl-Artikoli 18 sa 22 tal-FIC (ara t-tweġiba għall-Mistoqsija 1). Dwar il-preżentazzjoni tal-lista:

- Il-lista ta' ingredjenti għandha tkun preċeduta minn intestatura li jkun fiha l-kelma "ingredjenti".
- Il-lista għandha tinkludi l-ingredjenti f'ordni dixxendenti skont il-piż, kif innotati meta ntużaw fil-manifattura tal-ikel. L-ingredjenti li jikkostitwixxu anqas minn 2 % tal-prodott finali jistgħu jkunu elenkati f'ordni differenti wara l-ingredjenti l-oħra.
- L-ingredjenti għandhom jiġu indikati bl-isem speċifiku tagħhom, bl-eċċezzjonijiet previsti fir-Regolament dwar l-FIC u fir-Regolament Delegat (UE) 2019/33 (eż., "għeneb" li jirreferi għall-materja prima).

7) *Kif għandhom jissemmew l-addittivi u l-għajnuniet għall-ipproċessar użati fil-produzzjoni tal-inbid? L-addittivi għandhom jiġu ppreżentati flimkien mal-funzjoni teknoloġika tagħhom?*

F'konformità mal-Anness VII, il-Parti C tar-Regolament dwar l-FIC, id-denominazzjoni tal-addittivi fil-lista tal-ingredjenti trid issir bl-isem tal-kategorija funzjonali tagħhom, segwit bl-isem speċifiku tagħhom jew, jekk xieraq, in-Numru E. Id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tal-inbid ma jistabbilixxu l-ebda rekwiżit ta' preżentazzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward.

L-Anness I, il-Parti A, it-Tabella 2, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tidentifika l-lista sħiħa ta' addittivi u ta' għajnuniet għall-ipproċessar li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni tal-inbid, tiġborhom fil-kategoriji funzjonali rilevanti (Regolaturi tal-aċidità, Preżervattivi/Antiossidanti, Aġenti stabilizzanti, eċċ.), u tipprovdi t-termini li għandhom jintużaw biex jiġu indikati l-kategoriji funzjonali u s-sustanzi li għandhom jiġu elenkati fil-lista ta' ingredjenti, li għandhom jiġu ppreżentati billi jintużaw l-ismijiet speċifikati (il-kolonna 1) jew, inkella, in-numri E tal-addittivi (il-kolonna 2).

L-Artikolu 48a(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33 jipprevedi l-għażla li jiġu indikati addittivi taħt il-kategoriji "regolaturi tal-aċidità" u "aġenti ta' stabbilizzazzjoni" li huma simili jew reċiprokament sostitwibbli bl-użu tal-espressjoni "fih(a)... u/jew", segwiti minn mhux aktar minn tliet addittivi, fejn mill-inqas wieħed minnhom ikun preżenti fil-prodott finali.

8) *L-addittivi allerġeniċi u l-għajnuniet għall-ipproċessar biss għandhom jiġu indikati fil-lista tal-ingredjenti?*

L-addittivi tal-ikel jitqiesu bħala ingredjent f'konformità mad-definizzjoni ġenerali ta' "ingredjent", kif previst fir-Regolament dwar l-FIC (l-Artikolu 2(2)(f)), u għalhekk l-addittivi kollha użati fil-produzzjoni tal-inbid huma parti integrali mil-lista ta' ingredjenti. F'konformità mal-Artikolu 20(b) tar-Regolament dwar l-FIC, l-addittivi tal-ikel u l-enzimi użati bħala għajnuniet għall-ipproċessar ma humiex meħtieġa li jiġu inklużi fil-lista tal-ingredjenti. Madankollu, l-Artikolu 9(1)(c) tal-istess Regolament jipprevedi l-indikazzjoni obbligatorja ta' kwalunkwe ingredjent jew għajnuna għall-ipproċessar li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi użati fil-manifattura tal-prodott u li jkunu għadhom preżenti fil-prodott lest, anke f'għamla mibdula.

L-addittivi u l-għajnuniet għall-ipproċessar kollha permessi fil-produzzjoni tal-inbid fl-UE huma stabbiliti fl-Anness I, il-Parti A, it-Tabella 2, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

Fil-qosor, il-lista tal-ingredjenti jrid ikun fiha l-addittivi u l-għajnuniet għall-ipproċessar kollha li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi użati fil-produzzjoni tal-inbid ittikkettat u li jkunu għadhom preżenti fil-prodott lest.

9) *Kif għandhom jiġu ttrattati s-sustanzi allerġeniċi fit-tikketta?*

Is-sustanzi kollha li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi preżenti fil-prodott lest, anke f'għamla mibdula, iridu jiġu indikati fuq it-tikketta. Hemm żewġ possibbiltajiet għall-preżentazzjoni tagħhom fuq it-tikketta:

- a) Meta l-lista ta' ingredjenti tiġi ppreżentata fuq it-tikketta, is-sustanzi kollha li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi jridu jiġu indikati b'hal ingredjenti fil-lista ta' ingredjenti. L-isem tas-sustanza jew tal-prodott irid jiġi enfasizzat permezz ta' tipa li tiddistingwiha b'mod ċar mill-bqija tal-lista ta' ingredjenti, pereżempju permezz tat-tipa, stil jew kulur tal-isfond, f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament dwar l-FIC.
- b) Meta l-lista ta' ingredjenti tiġi ppreżentata b'mezzi elettroniċi, is-sustanzi kollha li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi jridu jiġu indikati fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta mwaħħla miegħu. Il-preżentazzjoni tagħhom trid tkun preċeduta mill-kelma "fih(a)", segwita mill-isem tas-sustanza/i jew tal-prodott(i) korrispondenti muri(ja) f'konformità mal-Artikolu 41, mal-Artikolu 48a(4) u mal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33. F'każ bħal dan, il-lista sħiħa ta' ingredjenti ppreżentata b'mezzi elettroniċi għandha ssegwi l-istess regoli kif deskritti fil-paragrafu a).

10) *Jekk fuq it-tikketta tingħata lista ta' ingredjenti b'sustanzi allerġeniċi, l-informazzjoni dwar l-allergen tista' tiġi ripetuta fl-għamla "fih(a)..." jew bl-użu ta' pittogramma?*

L-informazzjoni dwar sustanzi li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi ma għandhiex tiġi ripetuta, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Unjoni applikabbli għal ikel speċifiku ⁽⁶⁾. Ir-Regolament dwar l-FIC jirrikjedi b'mod espliċitu li l-informazzjoni dwar sustanzi li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi trid tiġi indikata fil-lista ta' ingredjenti. Fin-nuqqas ta' lista ta' ingredjenti, l-indikazzjoni ta' sustanzi bħal dawn trid tinkludi l-kelma "fih(a)" segwita mill-isem tas-sustanza jew tal-prodott.

Għall-inbid, l-użu ta' pittogramma, b'hal biċċa informazzjoni fakultattiva li takkumpanja d-dettalji obbligatorji taħt referenza, jibqgħu l-unika ripetizzjoni possibbli, f'konformità mal-Artikolu 41(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33.

11) *X'inhuma r-regoli biex jiġu indikati s-sustanzi li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi fit-tikketta?*

L-Artikolu 41 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33 jipprevedi t-termini li jridu jintużaw għat-tikkettar ta' ċerti sustanzi jew prodotti li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi, kif imsemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament dwar l-FIC, dwar is-sulfiti, il-bajd u l-prodotti bbażati fuq il-bajd, u l-ħalib u l-prodotti bbażati fuq il-ħalib. Dawn it-termini huma elenkati fl-Anness I, il-Parti A, tal-istess Regolament.

Dawk it-termini għandhom ikompli jintużaw ukoll fil-lista ta' ingredjenti għal raġunijiet ta' konsistenza u meta jitqies li l-konsumaturi huma familjari magħhom.

L-Artikolu 48a(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33 jirreferi għas-sustanzi li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi, għajr dawk elenkati fl-Artikolu 41, peress li ċerti sustanzi allerġeniċi magħrufa ma humiex koperti mill-Artikolu 41. F'dawn il-każijiet limitati ħafna, is-sustanzi li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi jridu jiġu elenkati f'konformità mal-isem speċifiku tagħhom, kif stabbilit fl-Anness I, il-Parti A, it-Tabella 2, il-kolonna 1, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 (eż., "proteina tal-qamħ").

12) *Is-sustanzi użati għall-arrikkiment għandhom jiġu indikati fil-lista ta' ingredjenti?*

Iva, is-sustanzi użati għall-arrikkiment jitqiesu b'hal ingredjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2)(f) tar-Regolament dwar l-FIC, dment li jiżdiedu matul il-manifattura u jkunu preżenti fil-prodott finali, anke jekk f'għamla mibdula, u għalhekk għandhom jiġu indikati fil-lista ta' ingredjenti.

⁽⁶⁾ L-Avviż tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2017 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar sustanzi jew prodotti li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi kif elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 1). [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52017XC1213\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52017XC1213(01))

- 13) *Kif għandu jissema z-zokkor għall-arrikkiment fil-lista ta' ingredjenti?*

Il-proċessi u s-sustanzi ta' arrikkiment awtorizzati huma deskritti fl-Anness VIII, il-Parti I, tar-Regolament dwar l-OKS. F'konformità mar-regoli definiti għal-lista ta' ingredjenti għall-prodotti tad-dwieli fl-Artikolu 48a(2) tar-Regolament (UE) 2019/33, il-most tal-għeneb ikkonċentrat u l-most tal-għeneb ikkonċentrat rettifikat jistgħu jiġu sostitwiti bit-terminu "most tal-għeneb ikkonċentrat", jew jistgħu jinġabru flimkien u jidhru fil-lista ta' ingredjenti bħala "most tal-għeneb ikkonċentrat" biss. Is-sukrożju, li huwa s-sustanza l-oħra permessa għall-arrikkiment, irid jiġi elenkat separatament. L-Anness VII, il-Parti B, tar-Regolament dwar l-FIC tippermetti li "t-tipi kollha ta' sukrożju" jiġu indikati bl-isem "zokkor", għalkemm dik id-denominazzjoni ma hijiex obligatorja.

- 14) *Il-ħmira għandha tiġi elenkata bħala ingredjenti?*

Il-ħmira użata għall-produzzjoni tal-inbid ma għandhiex għalfejn tiġi elenkata bħala ingredjent. F'konformità mal-Anness I, il-Parti A, it-Tabella 2, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934, dawn jintużaw bħala għajnuniet għall-iproċessar. F'konformità mal-Artikolu 20(b)(ii) tar-Regolament dwar l-FIC, l-addittivi użati bħala għajnuniet għall-iproċessar ma humiex meħtieġa li jiġu inklużi fil-lista ta' ingredjenti. Komponenti jew partijiet oħra tal-ħmira użati b'funzjonijiet distinti fil-produzzjoni tal-inbid, ukoll jitqiesu bħala għajnuniet għall-iproċessar, u għalhekk jaqgħu taħt l-istess eżenzjoni. L-uniku kompost tal-ħmira li jrid jissema fil-lista ta' ingredjenti huwa l-mannoproteina tal-ħmira peress li dan jintuża bħala addittiv kif stabbilit fl-Anness I, il-Parti A, it-Tabella 2, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

- 15) *Jekk l-alternattivi kollha possibbli fil-grupp ta' regolaturi tal-aċidità u tal-aġenti stabilizzanti jkunu indikati fit-tikkettar, hemm ordni speċifika li fiha għandhom jiġu indikati?*

Le. L-uniku rekwiżit li jikkonċerna l-ordni għall-wiri tal-ingredjenti huwa dak deskritt fl-Artikolu 18(1), flimkien ml-Anness VII, il-Parti A, tar-Regolament dwar l-FIC. Barra minn hekk, l-ingredjenti kollha li jikkostitwixxu inqas minn 2 % tal-prodott lest ma għandhomx għalfejn isegwu ordni speċifika skont l-Anness VII, il-Parti A, il-punt 6, tar-Regolament dwar l-FIC.

- 16) *It-termini "ibbottiljati f'atmosfera protettiva" jew "l-ibbottiljar jista' jseħħ f'atmosfera protettiva" għandhom jiġu segwiti minn indikazzjoni tal-gass tal-ippakkjar użat jew, inkella, għandhom jiġu elenkati l-alternattivi possibbli tal-gass tal-ippakkjar?*

L-Artikolu 48a(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33 jiddikjara b'mod ċar li, "L-indikazzjoni tal-addittivi li jaqgħu taħt il-kategorija 'gassijiet tal-ippakkjar' fil-lista ta' ingredjenti tista' tiġi sostitwita bid-dettall speċifiku 'l-ibbottiljat f'atmosfera protettiva' jew 'l-ibbottiljar jista' jseħħ f'atmosfera protettiva'". Jekk jintuża wieħed minn dawn id-dettalji speċifiċi, il-gassijiet speċifiċi użati ma għandhomx għalfejn jiġu elenkati separatament la fil-lista tal-ingredjenti, u lanqas flimkien mad-dettall speċifiku. Ir-referenza għall-gassijiet tal-ippakkjar murija bid-dettalji speċifiċi ta' hawn fuq trid tiġi ppreżentata, meta jintużaw, fl-istess kamp viżiv bħal-lista ta' ingredjenti.

Meta l-gassijiet tal-ippakkjar ikunu indikati fil-lista ta' ingredjenti (jiġifieri, jekk ma jintużax id-dettall speċifiku), dawn għandhom jiġu ppreżentati skont l-istess regoli bħal kwalunkwe addittiv ieħor (jiġifieri, kategorija funzjonali, segwita mill-isem jew, jekk xieraq, in-numru E).

- 17) *Jekk jintużaw alternattivi tal-gass għall-ippakkjar, hemm ordni speċifika li fiha jridu jiġu indikati l-gassijiet tal-ippakkjar?*

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/33 ma jippermettix l-elenkar ta' gassijiet tal-ippakkjar alternattivi. Il-gass tal-ippakkjar speċifiku użat għandu jiġi ppreżentat fil-lista ta' ingredjenti bl-isem speċifiku tiegħu jew għandu jiġi sostitwit b'wieħed mid-dettalji li ġejjin "ibbottiljat f'atmosfera protettiva" jew "l-ibbottiljar jista' jseħħ f'atmosfera protettiva".

- 18) *Kif għandu jiġi indikat l-ingredjent ewlieni ta' nbid fuq it-tikketta? Skont id-definizzjoni, l-inbid isir minn għeneb sħiħ jew misħuq u/jew most tal-għeneb. Il-most tal-għeneb huwa prodott intermedju naturali magħmul direttament mill-għeneb. Għalhekk, f'liema sitwazzjonijiet il-most għandu jiġi indikat bħala ingredjent, u f'liema sitwazzjonijiet l-għeneb għandu jiġi indikat bħala ingredjent?*

Kif jirriżulta mill-Artikolu 48a(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33, l-indikazzjoni tal-materja prima li tikkostitwixxi "l-ingredjent ewlieni" tal-inbid tista' ssir billi jiġi elenkat eżattament jekk jintużax għeneb, għeneb misħuq u/jew most tal-għeneb, jew billi dawn jiġu sostitwiti kollha bit-terminu uniku "għeneb". Id-dispożizzjoni toffri simplifikazzjoni possibbli għall-operaturi, li jistgħu japplikaw fuq bażi volontarja.

Dikjarazzjoni dwar in-Nutrizzjoni

19) *F'liema għamla għandha tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni? Din għandha tkun tabella, jew hemm għamliet oħra possibbli?*

Il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni hija rregolata fl-Artikolu 34 tar-Regolament dwar l-FIC.

Jekk l-ispazju jippermetti, id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni trid tiġi ppreżentata f'format ta' tabella bin-numri allinjati. Meta l-ispazju ma jippermettix il-preżentazzjoni f'għamla ta' tabella, jista' jintuża format lineari. Meta d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi, id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni għandha tiġi ppreżentata dejjem f'format ta' tabella bin-numri allinjati, peress li l-limitazzjonijiet tal-ispazju ma japplikawx.

L-ordni tal-preżentazzjoni tal-elementi differenti tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni hija definita fl-Anness XV tar-Regolament dwar l-FIC. Għall-elementi obbligatorji, din l-ordni tkun: Valur Enerġetiku, Xaħam (li minnu saturati,...); Karboidrat (li minnu zokkor,...); Proteina, Melħ. Jew, f'għamla ta' tabella:

valur enerġetiku
xaħam
li minnu
- saturati,
karboidrat
li minnu
- zokkor
proteina
melħ

Hemm ukoll regoli speċifiċi għall-ordni ta' elementi oħra li jistgħu jiżiedu mad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament dwar l-FIC (eż. polioli) iżda dawk ma humiex obbligatorji.

Meta l-kontenut tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta jkun limitat għall-valur enerġetiku, jiġifieri, f'każijiet fejn id-dikjarazzjoni sħiħa dwar in-nutrizzjoni tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi, il-paragrafu (4) il-ġdid tal-Artikolu 119 tar-Regolament emendat dwar l-OKS jippermetti b'mod espliċitu li jiġi espress il-valur enerġetiku billi jintuża s-simbolu "E" segwit mill-valur.

20) *Ir-Regolament dwar l-FIC jipprevedi - minbarra l-valur enerġetiku - id-dikjarazzjoni tal-ammonti ta' xaħam, saturati, karboidrati, zokkor, proteina, u melħ. Jekk ma jkun hemm l-ebda kontenut fl-inbid (eż., għax-xaħam jew għax-xaħam saturat), il-kontenut għandu jintwera bħala "0", jew sempliċiment ma hemmx bżonn li jintwera x-xaħam fuq it-tikketta?*

L-Artikolu 34(5) tar-Regolament dwar l-FIC jipprevedi li fil-każijiet fejn il-valur enerġetiku jew l-ammont ta' nutrijent(i) fi prodott ikun negliġibbli, l-informazzjoni dwar dawk l-elementi tista' tiġi sostitwita b'dikjarazzjoni bħal "fiha ammonti negliġibbli ta' ..." indikat qrib ħafna tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni.

Inkella, l-elementi obbligatorji kollha jridu jiġu indikati fl-ordni stipulata fl-Artikolu 34 tar-Regolament dwar l-FIC, inkluż meta l-kontenut tagħhom jammonta għal valuri zero.

21) *Huwa meħtieġ xi komponent ieħor, minbarra x-xaħam, is-saturati, il-karboidrati, iz-zokkor, il-proteina, u l-melħ fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni?*

F'konformità mal-Artikolu 30(1) tar-Regolament dwar l-FIC, id-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni trid tinkludi l-valur enerġetiku u l-ammonti ta' xaħam, saturati, karboidrati, zokkor, proteina, u melħ. F'konformità mal-Artikolu 30(2) tal-istess Regolament, il-kontenut obbligatorju jista' jiġi ssupplementat b'indikazzjoni tal-ammonti ta' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin, fejn rilevanti; monoinsaturati; poliinsaturati; poljoli; lamtu; fibra; kwalunkwe vitamina jew mineral elenkati fl-Anness XIII, il-Parti A, il-punt 1, u li jkunu preżenti f'ammonti sinifikanti kif iddefiniti fl-Anness XIII, il-Parti A, il-punt 2 tal-istess Regolament.

- 22) *Kif huma stabbiliti l-valuri tal-elementi differenti tan-nutrizzjoni? Hija meħtieġa analiżi għal kull inbid u għal kull ħsad, jew jistgħu jiġu kkalkolati wkoll il-valuri (eż., għall-kaloriji mill-kontenut tal-alkoħol u taz-zokkor residwu)?*

Fir-rigward tat-tikkettar tal-valuri tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, japplikaw l-artikoli rilevanti tar-Regolament dwar l-FIC.

B'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 31 (kalkolu), il-valuri fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni huma valuri medji, ibbażati fuq: a) l-analiżi tal-ikel magħmula mill-manifattur; b) il-valuri medji magħrufa jew reali tal-ingredjenti użati; jew c) *data* ġeneralment stabbilita u aċċettata.

Il-valur enerġetiku jrid jiġi kkalkolat bl-użu tal-fatturi ta' konverżjoni previsti fl-Anness XIV tar-Regolament dwar l-FIC, u indikat f'kilojoules (kJ) u kilokaloriji (kcal), li jindikaw il-kilojoules fl-ewwel post u l-kilokaloriji fit-tieni post, kif previst fl-Anness XV ta' dak ir-Regolament.

Il-valuri enerġetiċi u l-valuri tan-nutrizzjoni jridu jiġu indikati għal kull 100 g jew għal kull 100 ml (l-Artikolu 32(2) tar-Regolament dwar l-FIC).

- 23) *Minħabba n-natura tal-produzzjoni tal-inbid, lottijiet individwali jistgħu jvarjaw minn xulxin. X'inhu l-limitu ta' tolleranza għad-differenza bejn l-informazzjoni fuq it-tikketta u l-kontenut reali tal-valur enerġetiku u tan-nutrijenti tal-inbid?*

It-tolleranzi għad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni tal-inbid huma l-istess kif iddefiniti fir-Regolament dwar l-FIC, li jindikaw li l-valur enerġetiku u l-ammont ta' nutrijenti għandhom jiġu tikkettati bħala l-“valur medju” li huwa definit bħala l-valur li jirrappreżenta l-aħjar l-ammont tan-nutrijent, li ikel partikolari jkun fih, u jirrifletti l-kwoti għall-varjabbiltà naturali tal-oġġetti tal-ikel, il-varjabbiltà staġunali, ix-xejriet tal-konsum u fatturi oħra, li jistgħu jikkawżaw li l-valur reali jvarja (ara l-Anness I, il-punt 13, tar-Regolament dwar l-FIC).

Is-servizzi tal-Kummissjoni haġġu Dokument ta' gwida ⁽⁷⁾ għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fir-rigward tal-istabbiliment ta' tolleranzi għall-valuri tan-nutrijenti ddikjarati fuq tikketta. Is-servizzi tal-Kummissjoni haġġu wkoll tabella fil-qosor ⁽⁸⁾ li tagħti ħarsa ġenerali lejn il-valuri differenti ta' tolleranza inklużi fid-dokument ta' gwida.

Id-Dokument ta' Gwida jiddikjara li l-operaturi tan-negozji tal-ikel għandhom jaġixxu b'rieda tajba biex jiżguraw grad għoli ta' preċiżjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni. B'mod partikolari, il-valuri ddikjarati għandhom ikunu approssimattivi għall-valuri medji flottijiet multipli, u ma għandhom jiġu stabbiliti fl-ebda estrem minn firxa ta' tolleranza definita.

Għall-indikazzjoni tal-kontenut tal-alkoħol, madankollu, japplikaw ir-regoli dwar it-tolleranza fl-Artikolu 44 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33.

- 24) *X'inhuma t-tolleranzi bejn il-valuri murija fuq it-tikketta u l-kontenut reali fl-inbid, f'każ fejn il-valuri murija jistgħu jinbidlu matul is-snin li fihom jimmatūra l-inbid?*

F'konformità mal-Artikolu 31(3) tar-Regolament dwar l-FIC, il-valur enerġetiku u l-ammonti ta' nutrijenti msemmija fl-Artikolu 30(1) sa (5) iridu jkun dawk tal-ikel kif jinbiegħ, filwaqt li jitqiesu wkoll it-tolleranzi msemmija fil-mistoqsija preċedenti.

- 25) *X'daqs għandu jkollhom il-karattri?*

Ir-regoli ġenerali dwar il-preżentazzjoni tad-dettalji obligatorji tal-prodotti tad-dwieli msemmija fl-Artikolu 119 tar-Regolament dwar l-OKS huma definiti fl-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33. F'konformità mal-Artikolu 40(3), id-daqs tal-karattri ta' dawn id-dettalji obligatorji, inklużi l-karattri użati biex tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista ta' ingredjenti, irid ikun daqs jew akbar minn 1,2 mm, irrispettivament mill-format tal-karattru użat.

⁽⁷⁾ https://food.ec.europa.eu/system/files/2016-10/labelling_nutrition-vitamins_minerals-guidance_tolerances_1212_en.pdf

⁽⁸⁾ https://food.ec.europa.eu/system/files/2016-10/labelling_nutrition-vitamins_minerals-guidance_tolerances_summary_table_012013_en.pdf

Tikkettar Elettroniku

- 26) *Se jkunu obbligatori sistema/software speċifiċi għall-għoti ta' informazzjoni b'mezzi elettroniċi? L-informazzjoni nutrizzjonali sħiħa pprovduta b'mezzi elettroniċi indikata fuq l-imballaġġ tista' ssir permezz tal-kodiċijiet 2d inqas komuni?*

Ir-Regolament emendat dwar l-OKS ma jispeċifikax liema mezzi elettroniċi għandhom jintużaw biex jipprovdut d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista ta' ingredjenti mhux fuq it-tikketta, u lanqas kwalunkwe tip elettroniku speċifiku ta' aċċess għal tali informazzjoni. L-unika kundizzjoni stabbilita fir-Regolament emendat dwar l-OKS dwar il-funzjonament tal-mezzi elettroniċi hija li s-sistema li għandha tintuża ma tridx tiġbor jew tittrekka d-data tal-utent. Il-Kummissjoni ma għandhiex setgħa korrispondenti biex tiddefinixxi kwalunkwe regola oħra dwar it-tikkettar elettroniku jew mezzi elettroniċi speċifiċi li għandhom jintużaw.

Fil-prinċipju, l-għoti ta' informazzjoni jista' jsir bi kwalunkwe mezz elettroniku, b'mezzi elettroniċi ta' tikkettar jew ta' tikkettar elettroniku aċċessibbli mill-pubbliku permezz ta' barcode ta' kwalunkwe tip (QR, 2D għajr QR, 1d, ċippa) li jipprovdut link għall-informazzjoni online, li jista' jinkiseb bl-użu ta' għodod ta' aċċess universali (jiġifieri, smartphone).

Il-wiri tal-link għall-informazzjoni elettronika fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta għandu jkun konformi mar-rekwiżiti elenkati fl-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament dwar l-FIC għall-preżentazzjoni ta' dettalji obbligatori. Jiġifieri, irid jidher direttament fuq il-pakkett jew fuq tikketta, immarkat f'post li jidher b'tali mod li jkun faċilment viżibbli, jinqara b'mod ċar u, fejn xieraq, ma jkunx jista' jitħassar. Ma għandu bl-ebda mod ikun moħbi, mgħotti, mitfi jew interrott minn xi materjal miktub jew stampi oħra, jew minn xi materjal ieħor li jinterferixxi.

Barra minn hekk, għandu jipprovdut aċċess faċli, dirett u universali għall-informazzjoni, b'mod li jkun komparabbli mal-preżenza tad-dettalji fuq il-pakkett jew it-tikketta mwaħħla. L-għoti ta' mezzi speċjalizzati ħafna jew mhux komuni ta' aċċess għall-informazzjoni ma jissodisfaw l-għanijiet tat-tikkettar elettroniku u jidher li ma huwiex xieraq bħala għodda ta' appoġġ għall-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi.

- 27) *Id-dikjarazzjoni sħiħa dwar in-nutrizzjoni u l-lista ta' ingredjenti disponibbli b'mezzi elettroniċi jistgħu jsiru permezz ta' kodiċi QR fuq it-tikketta tal-inbid, li jorbot ma' tikketta elettronika li jkun fiha d-dikjarazzjoni sħiħa u l-lista ta' ingredjenti?*

Ir-Regolament emendat dwar l-OKS jipprevedi li kemm id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni kif ukoll il-lista ta' ingredjenti jistgħu jiġu pprovduti "b'mezzi elettroniċi identifikati fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta mwaħħla miegħu". Il-kodiċijiet QR huma tabilħaq metodu wieħed possibbli biex il-konsumaturi jingħataw aċċess, fuq it-tikketta jew fuq il-pakkett, għall-informazzjoni elettronika msemmija hawn fuq.

- 28) *Jista' jizjed kodiċi QR bħala "stiker" addizzjonali, minbarra t-tikketta oriġinali tal-flixxun, jew irid ikun parti mit-tikketta oriġinali tal-produtturi?*

L-avviż tal-Kummissjoni dwar il-mistoqsijiet u t-tweġibiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-FIC (*), it-taqsima 2.2, jistipula li "it-tikketti ma għandhomx ikunu jistgħu jinqalgħu faċilment b'mod li jikkomprometti d-disponibbiltà jew l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni obligatorja dwar l-ikel għall-konsumatur".

Barra minn hekk, l-għoti b'mezzi elettroniċi tal-informazzjoni dettaljata rilevanti għal-lista ta' ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni ma teżentax l-informazzjoni rilevanti mill-obbligu li tiġi ppreżentata, f'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE, irrISPettivament minn jekk il-kodiċi QR ikunx stiker jew le. B'mod partikolari, irid jiġi żgurat li, f'konformità mal-Artikolu 40(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33, l-informazzjoni rilevanti għal-lista ta' ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, li huma dettalji obbligatori (l-Artikolu 119 tar-Regolament emendat dwar l-OKS), tkun tidher fl-istess kamp viżiv bħad-dettalji obbligatori l-oħra, u fl-istess ħin tkun tista' tinqara mingħajr ma wieħed ikollu għalfejn idawwar il-kontenitur, tiġi ppreżentata b'karattri li ma jitħassrux u tkun distinta b'mod ċar mit-test jew mill-grafika tal-madwar.

(* L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-mistoqsijiet u t-tweġibiet relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (ĠU C 196, 8.6.2018, p. 1). <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52018XC0608%2801%29>

- 29) *Hemm xi speċifikazzjonijiet tad-disinn rigward id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u r-rappreżentazzjoni elettronika tagħha, jew jekk hija miftuħa għall-adattament tad-disinn?*

Ir-regoli għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni huma dawk definiti fl-Artikolu 34 tar-Regolament dwar l-FIC, kif huwa deskritt ukoll fit-taqsimha ta' hawn fuq, b'mod partikolari fil-Mistoqsija 19 (ara wkoll it-taqsimha 3 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar mistoqsijiet u tweġibiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-FIC⁸). Dawk ir-regoli japplikaw għad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, kemm jekk tkun ippreżentata fuq it-tikketta fiżika kif ukoll b'mezzi elettroniċi.

- 30) *Huwa possibbli li ssir link, permezz ta' Kodiċi QR jew simili, mat-"tikketta elettronika" li tippreżenta d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista tal-ingredjenti sħaħ mal-paġna ewlenija tal-produttur bħala parti mis-sit web tiegħu?*

Le. L-Artikolu 119(5) tar-Regolament emendat dwar l-OKS, jistipula li l-informazzjoni dwar id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista ta' ingredjenti sħaħ ma għandhiex tintwera b'informazzjoni oħra maħsuba għal skopijiet ta' bejgħ jew kummerċjalizzazzjoni, u li l-ebda *data* tal-utent ma għandha tinġabar jew tiġi trekkjata. Fil-fehma tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni obbligatorja bħala parti mis-sit web tal-produtturi ma tidhirx li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 119(5), peress li s-sit web ta' produttur tal-inbid huwa tipikament mistenni li jkun fiħ informazzjoni kummerċjali rilevanti għall-kummerċjalizzazzjoni u/jew għall-bejgħ. Barra minn hekk, is-siti web normalment jittrekkjaw informazzjoni dwar l-utenti.

Il-mezzi/pjattaformi elettroniċi li fuqhom titqiegħed l-informazzjoni għandhom jipprovdu l-istess garanziji bħal dawk fis-seħħ meta l-informazzjoni tintwera fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta mwaħħla f'termini ta' leġġibbiltà, stabbiltà, affidabbiltà, durabbiltà, u preċiżjoni tal-informazzjoni matul il-ħajja kollha tal-prodott. Il-garanzija ta' dawn il-karatteristiċi ssir dubjuża jekk l-informazzjoni titqiegħed fuq sit web tal-produttur li jista' jiġi mmodifikat faċilment fi kwalunkwe ħin, anke meta l-prodott ikun diġà fis-suq.

- 31) *Il-manifatturi jistgħu jispeċifikaw kodiċijiet QR addizzjonali fuq tikketti għajr kodiċijiet li huma "mezzi elettroniċi" li fuqhom tintwera l-informazzjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni?*

L-għoti ta' informazzjoni volontarja addizzjonali fuq it-tikketta, bħal kodiċi QR addizzjonali, huwa rregolat mill-Artikolu 118 tar-Regolament dwar l-OKS, li jstabbilixxi li t-tikkettar tal-prodotti tad-dwieli ma jista' jiġi ssupplimentat bl-ebda dettall addizzjonali sakemm tali dettalji ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-FIC.

L-Artikolu 36(2) tar-Regolament dwar l-FIC jistipula li l-informazzjoni dwar l-ikel ipprovduta fuq bażi volontarja ma għandhiex tqarra bil-konsumatur; u għandha, fejn ikun xieraq, tkun ibbażata fuq id-*data* xjentifika rilevanti. L-Artikolu 37 tar-Regolament dwar l-FIC jstabbilixxi li tali informazzjoni ma għandhiex tintwera għad-detriment tal-isparju disponibbli għal informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel.

Kwalunkwe użu ta' kodiċijiet QR addizzjonali ma għandux iqarraq jew joħloq konfużjoni għall-konsumaturi, u ma għandu jnaqqas l-ebda spazju minn dak disponibbli għad-dettalji obbligatorji, li jkun jinkludi l-kodiċijiet li jipprovdu aċċess għal informazzjoni obbligatorja b'mezzi elettroniċi.

- 32) *Huwa possibbli li jsir kodiċi QR uniku, li jwettaq ir-rwol ta' kodiċi EAN u jkun ukoll il-portatur ta' data obbligatorja, bħala-lista ta' ingredjenti u valuri dwar in-nutrizzjoni?*

Il-kunsiderazzjoni ewlenija dwar il-preżentazzjoni tal-informazzjoni ma għandhiex tkun jekk hijiex obbligatorja jew le, iżda lil min tiġi indirizzata dik l-informazzjoni u x'inhu l-oġettiv ta' biċċiet differenti ta' informazzjoni.

Fil-każ tal-informazzjoni obbligatorja dwar it-tikkettar li tiġi pprovduta permezz ta' mezzi elettroniċi (il-lista ta' ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni), il-pubbliku fil-mira huwa l-konsumaturi, li għandhom ikunu jistgħu jiksbu aċċess immedjat għall-informazzjoni li tkun preċiża u li ma tqarraqx bihom. L-informazzjoni dwar l-EAN ma hijiex immirata lejn il-konsumaturi, iżda biex tiffaċilita li l-operaturi (manifatturi, bejjieġha, fornituri) jidentifikaw il-merkanzija u biex jiġu ffaċilitati u mmonitorjati l-operazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.

L-użu ta' kodiċi QR uniku ma huwiex eskluż jekk dan jiżgura, meta jiġi skennjat, dissoċjazzjoni ċara tal-informazzjoni mmirata lejn il-konsumaturi u lejn l-operaturi kummerċjali, rispettivament. Fi kliem ieħor, dan għandu jipprevjeni l-esponent tal-konsumaturi għall-informazzjoni li hija irrilevanti għalihom meta jiskennjaw il-kodiċi uniku.

- 33) *Indirizz tas-sit web stampat fuq it-tikketta fejn il-konsumatur jista' jsib l-informazzjoni rilevanti jissodisfa dan ir-rekwiżit?*

L-istampar ta' sempliċi indirizz ta' sit web fuq it-tikketta ma jistax jitqies li jissodisfa l-obbligi tat-tikkettar dwar il-forniment ta' dettalji obligatorji b'mezzi elettroniċi. Skont id-definizzjoni, l-informazzjoni rilevanti trid tkun direttament aċċessibbli permezz ta' kodiċi li jinqara minn magna li jipprovdi aċċess dirett għall-informazzjoni rilevanti. Magna ta' aċċess universali, bħal smartphone, trid tkun tista' taqra/tiskennja l-kodiċi fuq it-tikketta u tgħaddi lill-utent immedjatament għall-informazzjoni rilevanti.

- 34) *Huwa possibbli li t-tikketti ta' nbejjed differenti mill-istess produttur ikun fihom informazzjoni addizzjonali, b'mezzi elettroniċi, fuq l-istess sit web, jew kull tip ta' nbid għandu jkollu link għas-sit web separat?*

Informazzjoni obligatorja (il-lista ta' ingredjenti, id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni) ta' nbejjed differenti pprovduti b'mezzi elettroniċi tista' tiġi ppreżentata fuq l-istess sit, iżda l-link ta' kull tikketta partikolari għandha twassal b'mod mhux ambigwu għal informazzjoni speċifika għal lott wieħed jew aktar ta' prodott tal-inbid ta' referenza wieħed, b'mod iddifferenzjat b'mod ċar u filwaqt li tagħti aċċess sempliċi għall-konsumaturi għall-informazzjoni t-tajba, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà li din tqarraq bihom, eżattament bl-istess mod kif tikketta fuq karta individwali tagħmel biex jiġi identifikat prodott tal-ikel speċifiku wieħed.

- 35) *Fir-rigward tal-“għbir tad-data”, nixtiequ nkunu nafu jekk il-kunsens tas-suġġett tad-data jistax jagħmel il-għbir tad-data leġittimu.*

Ir-Regolament emendat dwar l-OKS jiddikjara li l-informazzjoni dwar id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista tal-ingredjenti sħaħ ma għandhiex tintwera ma' informazzjoni oħra maħsuba għal skopijiet ta' bejgħ jew kummerċjalizzazzjoni, u li l-ebda *data* tal-utent ma għandha tingābar jew tiġi trekkjata. Ma hemm l-ebda eċċezzjoni għal din ir-regola, u għalhekk ma tippermettix li jintalab il-kunsens tal-utent dwar jekk id-*data* tagħhom tistax tiġi trekkjata jew le. Barra minn hekk, l-aċċess għall-informazzjoni obligatorja mill-konsumaturi/mill-utenti għandu jkun dirett u mingħajr l-ebda pass intermedju, bħall-mili ta' kwalunkwe formola jew mistoqsija, jew it-trasferiment minn siti intermedji. Is-servizzi tal-Kummissjoni jistennew li l-kodiċi, ladarba jinqara/jiġi skennjat, jieħu lill-utent immedjatament u direttament għall-informazzjoni obligatorja dwar it-tikkettar.

- 36) *X'inhil l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kunċett ta' “għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni”? Sa liema punt tista' l-inklużjoni ta' dikjarazzjoni fit-tikketta elettronika (eż., dwar is-sostenibbiltà, l-orijini tal-prodott, jew iċ-ċertifikazzjoni, eċċ.) titqies bħala informazzjoni fakultattiva li għandha tiġi inkluzja b'mod leġittimu fit-tikketta? U meta tista' din id-dikjarazzjoni titqies bħala “kummerċjalizzazzjoni” minflok?*

L-Artikolu 119(5)(b) tar-Regolament emendat dwar l-OKS jirreferi għal “informazzjoni oħra maħsuba għal skopijiet ta' bejgħ jew kummerċjalizzazzjoni”. Dan għandu jiġi interpretat bħala li jippreżenta l-informazzjoni obligatorja f'ambjent newtrali li jiżgura li l-attenzjoni tal-qarrej ma tkunx involuta fit-trawwim tax-xiri tal-prodott, kemm direttament (eż. permezz ta' links għas-siti web, promozzjoni, indikazzjoni ta' punti ta' bejgħ, eċċ.) jew indirettament (eż. permezz ta' disinji li jżidu appell viżwali jew soniku, frażijiet jew dikjarazzjonijiet li jistgħu jappellaw għall-konsumatur, lingwa kummerċjali jew strateġiji kummerċjali oħra li għandhom l-għan li jinfluwenzaw l-imġiba tax-xiri u d-deċiżjoni tal-konsumaturi).

L-għoti ta' informazzjoni volontarja addizzjonali oħra fuq it-tikketta (it-tikketti elettroniċi inklużi) huwa rregolat mill-Artikolu 118 tar-Regolament dwar l-OKS, li skontu t-tikkettar tal-prodotti tad-dwieli ma jista' jiġi ssupplimentat bl-ebda dettall addizzjonali sakemm ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-FIC. Notevolment, l-Artikolu 36(2) tar-Regolament dwar l-FIC jistipula li l-informazzjoni dwar l-ikel ipprovduta fuq bażi volontarja ma għandhiex tqarraq bil-konsumatur, kif imsemmi fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament; ma għandhiex tkun ambigwa jew toħloq konfużjoni għall-konsumatur; u għandha, fejn ikun xieraq, tkun ibbażata fuq id-*data* xjentifika rilevanti. Barra minn hekk, l-Artikolu 37 tar-Regolament dwar l-FIC jistabbilixxi li tali informazzjoni ma għandhiex tintwera għad-detriment tal-ispazju disponibbli għal informazzjoni obligatorja dwar l-ikel.

- 37) *L-inklużjoni fuq it-tikketta ta' link għal sit web tal-kummerċ elettroniku ta' fabbrika tal-inbid titqies bħala skop ta' kummerċjalizzazzjoni?*

L-inklużjoni ta' sit web tal-kummerċ elettroniku jew ta' sit web tal-fabbriki tal-inbid hija mingħajr dubju meqjusa bħala “skop ta' kummerċjalizzazzjoni”.

- 38) *Kif għandha tiġi identifikata l-informazzjoni pprovduta b'mezzi elettroniċi fuq it-tikketta biex tinforma dwar il-kontenut tal-mezzi elettroniċi? Il-kodiċi QR jista' jiġi identifikat b'simbolu (eż. l-ittra "i" maħsuba għal "informazzjoni għall-konsumaturi") jew għandu jirreferi b'mod espliċitu bil-kliem għall-informazzjoni obbligatorja li l-kodiċi QR iwassal għaliha? Il-kliem jieħu wisq spazju u jirriskja li jifframmenta s-suq intern?*

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament dwar l-FIC, jipprevedi li "l-informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel għandha tiġi mmarkata f'post li jidher b'tali mod li tkun tidher faċilment, tinqara sew u, fejn adegwat, ma titħassarx. Bl-ebda mod m'għandha tkun moħbija, mġhottija, mitfija jew imfixkla b'xi kitba oħra jew stampi jew xi materjal ieħor li jintervjeni." Jekk ma jkun hemm l-ebda referenza ċara fuq it-tikketta fir-rigward tal-kontenut tal-informazzjoni pprovduta b'mezzi elettroniċi, il-konsumaturi bilkemm ikunu jistgħu jinterpretaw u jifhmu n-natura tal-informazzjoni (obbligatorja jew le) li tinsab fil-link. Din tista' tiqies bħala informazzjoni obbligatorja li tkun moħbija, li ma tidhirx u li ma tidhirx faċilment.

Għalhekk, il-preżentazzjoni ta' kodiċi QR għandha tkun ċara għall-konsumaturi fir-rigward tal-kontenut tiegħu, jiġifieri, l-informazzjoni obbligatorja li tiġi ppreżentata b'mezzi elettroniċi. It-termini jew is-simboli ġeneriċi (bħal "i") ma humiex biżżejjed biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-dispożizzjoni. Meta l-informazzjoni pprovduta b'mezzi elettroniċi (identifikata minn eż. kodiċi QR) tkun il-lista ta' ingredjenti, trid tintuża intestatura, kif imsemmi fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament dwar l-FIC, bl-istess mod bħall-prattika kurrenti użata għat-tikketti tal-karti għal ikel ieħor (jiġifieri li fihom il-kelma "ingredjenti").

Għat-termini li qed jintużaw, ir-reġim tal-lingwa tagħhom huwa soġġett għall-istess regoli bħad-dettalji obbligatorji l-oħra msemmija fl-Artikolu 119 tar-Regolament dwar l-OKS, jiġifieri, ir-regoli definiti bħala *lex specialis* fl-Artikolu 121 tar-Regolament dwar l-OKS.

- 39) *Kif huwa previst liema entità għandha tkun responsabbli biex tivverifika li d-data tal-utent ma tinġabarx jew ma tiġix trekkjata, jew li l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata flimkien ma' informazzjoni oħra b'finijiet kummerċjali jew ta' kummerċjalizzazzjoni?*

Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 119(4) u (5) tar-Regolament emendat dwar l-OKS li jistabbilixxi r-rekwiżiti applikabbli f'każijiet fejn id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista ta' ingredjenti jiġu pprovduti b'mezzi elettroniċi jirreferu għal żewġ dettalji obbligatorji tat-tikkettar għall-prodotti tad-dwieli, kif definit fl-Artikolu 119(1) tar-Regolament dwar l-OKS.

L-Artikolu 90(a) tar-Regolament emendat dwar l-OKS jirreferi għall-kontrolli u l-penali relatati mar-regoli tal-kummerċjalizzazzjoni. Il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu jipprevedi r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 119(1) tar-Regolament dwar l-OKS, li ma humiex ittikkettati f'konformità mar-Regolament. Il-paragrafu 3 tal-istess Artikolu jirreferi għall-kontrolli li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri biex jivverifikaw jekk ċerti prodotti, inkluż l-inbid, jikkonformawx mar-regoli tal-kummerċjalizzazzjoni stabbiliti fir-Regolament dwar l-OKS.

Għalhekk, il-kontroll tal-issodisfar tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq għandu jitwettaq mill-istess awtoritajiet tal-Istati Membri li huma responsabbli għall-kontroll tat-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti tad-dwieli.

- 40) *Il-konsumatur għandu d-dritt ta' aċċess għall-paġna fejn jieħdok l-kodiċi QR għal perjodu estiż? Il-Kummissjoni se tagħmel rakkomandazzjoni dwar it-tul ta' żmien li l-kodiċi QR għandu jkun disponibbli wara l-bejgħ tal-inbid?*

L-Artikolu 12 tar-Regolament dwar l-FIC jirrikjedi li l-informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel trid tkun disponibbli, u trid tkun faċilment aċċessibbli għall-ikel kollu. L-informazzjoni obbligatorja pprovduta b'mezzi elettroniċi (eż. kodiċi QR) għandha tibqa' aċċessibbli b'mod ekwivalenti għal dik tal-informazzjoni pprovduta fuq tikketta fiżika, jiġifieri, għandha tkun disponibbli tal-anqas matul il-perjodu ta' żmien li kategorija speċifika ta' prodott tal-inbid tkun mistennija li tibqa' xierqa għall-konsum f'kundizzjoni normali ta' ħżin, biex jiġi żgurat l-aċċess tal-konsumaturi għall-informazzjoni obbligatorja fi kwalunkwe mument matul il-ħajja mistennija tal-prodott. F'dan ir-rigward, il-preżenza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni huma r-responsabbiltà tal-operatur kummerċjali responsabbli għall-informazzjoni dwar l-ikel, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-FIC. Barra minn hekk, l-operaturi tan-negozji tal-ikel huma responsabbli għal kwalunkwe bidla li jagħmlu fl-informazzjoni dwar l-ikel li takkumpanja ikel skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament dwar l-FIC.